**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-10 ta' Marzu, 2020**

**Kawza numru: 360/2019 AM**

**Numru fuq il-lista: 39**

**Giorgio Grech (K.I. 7586G)**

**58 Triq tal-Brag,**

**Mellieha**

**Vs**

**Andre Apap (K.I. 22789G)**

**51, La Mirage Flat 1**

**Triq Gwann Mamo**

**Iklin**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tal-attur prezentat fl-14 ta' Novembru 2019 li permezz tieghu qed jitlob li l-konvenut jigi ordnat ihallsu s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bilanc ta' somma akbar li thallset lill-konvenut indebitament ghal xogholijiet li kellhom jigu imwettqa mill-konvenut in forza ta' ftehim t'appalt datat 15 ta' Settembru 2018 liema kuntratt gie terminat konsegwenza ta' inadempjenza da parti tal-konvenut u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data tal-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament imsejjah baqa' ma deherx ghas-seduta u lanqas kkontesta t-talbiet attrici.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra s-subizzjoni tal-attur

Ra li l-konvenut rega ma deherx ghas-seduta tal-lum u li wara li rega semgha lill-attur jikkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut il-kawza giet deciza.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' tal-attur u jordna lil konvenut ihallas lil attur s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-01 ta' Awwissu 2019 a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**